# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 20 ta' Ottubru, 2022**

**Numru:**

**Rikors Numru: 251/2019 TA**

**George Schembri**

**vs**

**L-Avukat Ġenerali u b'digriet tad-29 ta' Jannar 2020 isem l-Avukat Ġenerali ġie jaqra Avukat tal-Istat u b'digriet tal-25 ta' Frar 2020 ġew kjamati in kawża Francis Schembri u Angelina Schembri.**

**<u>Il-Qorti</u>**

Rat ir-Rikors tar-Rikorrenti ppreżentat fis-27 ta' Diċembru 2019 li permezz tiegħu talab is-segwenti:-

1. ''Illi bejn ħu l-esponenti Francis Schembri u mart l-istess Francis Schembri Angelina Schembri għaddejjin proċeduri għal separazzjoni personali bejniethom liema separazzjoni ilha għaddejja mis-sena 2006 u ġġib l-ismijiet Angelina Schembri vs Francis Scembri bin-numru ta' referenza 17/2006BS;

2. Illi f'dawn il-proċeduri l-Qorti tal-Maġistrati pproċediet sabiex tikkonfiska deheb li kien fil-pussess ta' Francis Schembri. Dan id-deheb għandu valur ta' eluf ta' ewro;

3. Illi dan id-deheb jappartjeni fil-maġġor parti lill-esponenti u lil ħuh Francis Schembri, b'uħud mil-biċċiet ta' l-istess deheb huwa propjeta esklussiva tal-esponenti, provenjenti mill-wirt tal-ġenituri u zijiet u kif huwa, jew għandu jkun apprezzat minn dawk il-kontendenti.

4. Illi minkejja li f'din il-kawża l-esponenti mhux parti u lanqas ma huwa l-leġittimu kontradittur u huwa totalment estraneju għal dawk il-proċeduri, huwa ġie maħkum bl-effetti tal-konfiska sureferit stante li l-istess deheb ikkonfiskat huwa propjeta tiegħu hekk kif fuq ingħad.

5. Illi minkejja diversi rikorsi sabiex dan il-preġudizzju li qed isofri jitneħħa, l-Qorti tal-Familja ddeċidiet billi irriservat li tipprovdi ulterjorment dwar din it-talba peress li ħasset li jkun opportun li tistenna l-eżitu tar-rapport tal-periti perizjuri u issoleċitat lill-partijiet sabiex jikkoperaw ma' dawn il-periti sabiex din il-pendenza tingħalaq.

6. Illi l-konfiska ta' dan id-deheb u r-rifjut tal-Qorti li tirrilaxxa l-istess deheb jilledi d-dritt fundamentali tal-esponenti għat-tgawdija tal-propjeta tiegħu u jilledi d-dritt fundamentali tiegħu hekk kif sanċit bl-1 Artikolu tal-1 Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

7. Illi fl-istess atti tal-proċeduri surreferiti, fl-2008 l-esponenti kien għamel garanzija favur ħuh Francis Schembri għas-somma ta' €100,000 sabiex tkopri mandat ta' sekwestru li kien sar kontra ħuh Francis Schembri. Din il-garanzija għamilha sabiex jgħin lil ħuh peress li l-proċeduri li kien hemm għaddejjin kienu poġġew piż kbir finanzjarju fuqu.

8. Illi din il-garanzija saret peress li fil-fehma tal-esponenti tali proċeduri ma kellhomx idumu speċjalment fid-dawl illi dawn kien diġa ilhom sentejn għaddejjin.

9. Illi minkejja dan, dawn il-proċeduri għadhom għaddejjin.

10. Illi fil-kors ta' dawn il-proċeduri l-esponenti talab kemm-il darba sabiex din il-garanzija tiġi sostitwita b'garanzija oħra fuq propjeta immobbli tiegħu ta valur ferm superjuri il-€100,000 (kif jirriżulta mill-istima peritali ippresentata lill-istess Qorti) u dana peress li l-garanzija bankarja tirrikjedi ħlas favur il-bank ta' ħames mitt ewro (€500) fis-sena u sal-ġurnata tal-lum l-esponenti diġa ħareġ mas-sitt t'elef (€6,000) sabiex iżomm din il-garanzija fis-seħħ.

11. Illi l-ewwel rikors intavolat ġie injorat totalment fejn lanqas ġie iddegretat, mentri t-tieni rikors ġie miċħud mingħajr ma l-Qorti tat ebda raġuni u mingħajr ebda indikazzjoni li apprezzat il-preġudizzju tal-esponent u n-nuqqas assolut ta' pregudizzju lis-sekwestranti.

12. Illi d-dewmien ta' dawn il-proċeduri jmur kontra dritt fundamentali tal-esponenti għat-tgawdija tal-propjeta tiegħu u jilledi d-dritt fundamentali tiegħu hekk kif sanċit bl-1 Artikolu tal-1 Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u dana peress li meta ħareġ il-garanzija favur ħuh huwa kellu *legitimate expectation* li l-proċeduri ta' separazzjoni ma jdumux dewmien eseġerat.

13. Illi ċ-ċaħda tal-Qorti tat-talba tal-esponenti sabiex jiskambja l-garanzija bankarja ma' waħda fuq propjeta immobbli mingħajr ma tat ebda raġuni għal tali rifjut tilledi d-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq hekk kif sanċit taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzioni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem.

GHALDAQSTANT u in vista tas-suespost l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-dewmien fil-proċedura ta' separazzjoni pendenti bejn ħu l-esponenti u martu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Sede Superjuri Sezzjoni Tal-Familja fl-ismijiet Schembri Angelina Sive Lina vs Schembri Francis ref: 17/2006 tilledi d-drittijiet fundamental ta' l-esponenti għall-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà kif sanċit bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar Drittijiet tal-Bniedem għax huwa ġie pprivat mit-tgwadija paċifika tal-possediment tiegħu hekk kif fuq ingħad;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi illi r-rifjut tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Sede Superjuri - Sezzjoni Tal-Familja fill-kawża pendenti quddiemha fl-ismijiet Schembri Angelina Sive Lina vs Schembri Francis ref: 17/2006 illi tilqa' t-talba tiegħu sabiex jagħti garanzija alternattiva għal dik bankarja tilledi d-drittijiet fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq hekk kif sanċit taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar Drittijiet tal-Bniedem għar-raġunijiet fuq imfissra;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konfiska tad-deheb propjeta tal-esponenti hekk kif fuq ingħad fil-proċeduri tas-separazzjoni pendenti bejn ħu l-esponenti u martu fl-ismijiet tilledi d-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti għall-protezzjoni minn privazzjoni ta' proprjetà kif sanċit bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u bl-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar Drittijiet tal-Bniedem għax huwa ġie pprivat mit-tgwadija paċifika tal-possediment tiegħu; u

4. Tipprovdi rimedju inkluż ħlas ta' kumpens xieraq''.

Rat ir-Risposta tal-Konvenut Avukat tal-Istat ppreżentata fl-24 ta' Jannar 2020

li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

''Illi l-esponenti jirrespinġi l-allegazzjonijiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li, kif ser jiġi spjegat aktar l'isfel, bl-ebda mod ma ġew mittiefsa d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti. Fil-fatt l-esponent jiddikjara li l-lanjanzi li tqajmu huma fiergħa u vessatorji.

Illi l-esponent ser jibda qabel xejn billi brevement isemmi ċertu fatti u dan sabiex din l-Onorabbli Qorti tifhem aħjar x'ġara fil-każ odjern anke għaliex ir-rikors promotur huwa vag u għandu diversi inezattezzi.

Illi din il-kawża kostituzzjonali apparentement nibtet minn kawżi oħra ċivili li hemm pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja fl-ismijiet *Angelina sive Lina Schembri vs. Francis Schembri*.

Angelina Schembri u Francis Schembri żżewwġu fit- 3 ta' Gunju 1984 u hemm bejniethom il-komunjoni tal-akkwisti. Fil-kawza numru **17/2006**, Lina Schembri talbet sabiex il-Qorti kompetenti tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti u jkun hemm il-qsim ġudizzjarju tal-beni li jifformaw parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti. Permezz ta' sentenza datata 16 ta' Settembru 2009 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) laqgħet it-talba tal-attriċi u ddikjarat terminata l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjuġi Schembri u ordnat li l-kawża titkompla sabiex issir il-qsim ġudizzjarju tal-komunjoni tal-beni. Din is-sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell fit- 2 ta' Marzu 2010. Fl-istess atti ta' dak il-proċediment hemm sentenza oħra datata 31 ta' Mejju 2013 tal-Qorti tal-Appell fejn biha ġiet konfermata sentenza parzjali mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) fejn ġie deċiż li l-komunjoni tal-akkwisti kienet tikkonsisti fl-effetti immobbli u mobbli elenkati minnha f'dik is-sentenza.

Illi bejn l-istess konjuġi Schembri għaddejja wkoll kawża ta' separazzjoni personali numru **6/2007**. Tajjeb li jingħad li ż-żewġ kawżi mixjien flimkien quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)( Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) u t-tnejn li huma għadhom ma ġewx deċiżi definittivament.

**Illi l-eċċezzjonijiet qed jingħataw mingħajr preġudizzju għal-xulxin:**

**1.** Illi preliminarjament, l-esponent huwa tal-fehma li peress li r-rikorrent għandu pretensjoni fuq xi deheb li hu milqut mill-komunjoni tal-akkwisti u li dwarha hemm kawża pendenti, għandhom jissejħu fil-kawża kemm Francis Schembri kif ukoll Angelina /Lina Schembri.

**2.** Illi preliminarjament ukoll ir-rikorrent għandu jispeċifika eżattament kemm huma dawn l-ammonti ta' flus u deheb li qed jgħid li huma tiegħu u jġib prova tat-titolu;

**3.** Illi fi kwalunkwe każ, ir-rikorrent ma jistgħax jiftaħ kawża kostituzzjonali meta għandu rimedji ordinarji disponibbli għalih. Huwa pjutost evidenti li l-pretensjonijiet tiegħu huma ta' natura ordinarja u li għandhom jiġu deċiżi minn Qrati oħra. Jekk dan id-deheb jappartjeni lir-rikorrent u hemm kwistjoni dwaru mal-konjuġi Schembri mela allura r-rikorrent għandu ifittex lil-konjuġi Schembri u mhux jiftaħ kawża kostituzzjonali!

**4.** Illi konfiska ta' xi beni tfisser li proprjeta mobbli jew immobbli tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta. F'dan il-każ ma jidhirx li saret konfiska u allura l-bażi ta din il-kawża huwa wieħed żbaljat. Jekk verament kien hemm xi konfiska ta' xi deheb din il-prova tispetta lir-rikorrent.

**5.** Illi l-esponent jirrileva wkoll li ġaladarba l-kawżi ċivili għadhom pendenti u li l-Qorti tal-Familja irriservat li tipprovdi ulterjorment dwar rikors li għamel r-rikorrent peress li trid tistenna l-eżitu tar-rapport tal-periti perizjuri, allura din il-kawża kostituzzjonali hija wkoll intempestiva. Għalhekk il-fatt waħdu li r-rikorrenti qiegħed iqajjem allegazzjonijiet tali allegazzjonijiet ma isostnux l-ilment tal-ksur ta' drittijiet invokati u dawn waħidhom mhumiex determinanti tal-kwistjoni minnu sollevata, b'dana li l-ilment huwa għal kollox intempestiv u prematur.

Illi l-esponent jisħaq li m'hemm l-ebda deċiżjoni definittiva dwar il-qsim tal-beni tal-komunjoni tal-akkwisti u r-rikorrent ma kien ċar xejn dwar x'kienu ċ-ċirkostanzi fejn il-Qorti tal-Familja ordnat il-konfiska tad-deheb li qed jgħid huma tiegħu. Fil-fatt ma jidhirx li hemm sentenza jew provvediment fejn il-Qorti ordnat il-konfiska tad-deheb imsemmi.

**6.**Illi r-rikorrent qiegħed jgħid li l-jeddijiet tiegħu għat-tgawdija paċifika tal-proprjeta ġew leżi minħabba dewmien fil-proċeduri Angelina Schembri vs. Francis Schembri. Pero għandu jingħad li dan il-jedd ma jeżistiex u dan għaliex il-jedd sabiex kawża tinqata fi żmien raġionevoli jifforma parti mill-jedd għal smigħ xieraq u mhux dak kontemplat fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u/jew l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea. M'hemm l-ebda deċiżjoni li tolqot id-drittijiet ċivili u l-obbligi tar-rikorrent u wisq inqas ma teżisti akkuża kriminali kontrih u għalhekk ir-rikorrent m'għandu l-ebda jedd jinvoka dewmien fi proċeduri li hemm bejn terzi.

**7.**Illi mingħajr preġudizzju għal fuq espost dwar l-ilment li jirrigwarda ksur tal-Ministeru/dipartiment/entita tal-Gvern ma ħa il-pussess u/jew il-kontroll ta' xi allegata proprjeta tar-rikorrenti. Kif ingħad qabel, hemm kawża ċivili bejn terzi dwar qsim ġudizzjarju tal-beni f'kommunjoni tal-akkwisti u għalhekk l-esponent ma jistgħax jifhem kif qed jiġi allegat ksur tad-dritt għal-proprjeta meta l-Gvern f'dan il-kaz m'għandu x'jaqsam xejn.

**8.I**lli fuq kollox jingħad li r-rikorrent ma jistgħax jinqeda minn azzjoni kostituzzjonali biex jiġu riveduti deċiżjonijiet u digrieti li ingħataw minn Qrati oħra.

**9.**L-esponent jeċepixxi l-improponibilita' tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u dan peress li dana l-artikolu japplika biss f'każ ta' tehid forzuż tal-proprjeta'.

Illi sabiex wieħed ikun jista' jitkellem fuq tehid forzuż jew obbligatorju, persuna trid tiġi żvestita minn kull dritt li għandha fuq dik il-proprjeta' bħal meta jkun hemm ordni ta' esproprijazzjoni permezz ta' akkwist b'titolu ta' xiri assolut. Il-fatti tal-każ in diżamina ma jikwadrawx ruħhom f'dan it-tip ta' tehid forzuż. L-istess prinċipji japplikaw għall-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.

**10.**Illi jekk din l-Onorabbli Qorti xorta waħda ser tidħol fil-kwistjoni tad-dewmien li hemm fil-kawża bejn il-konjuġi Schembri, l-esponent jisħaq li jekk kien hemm dewmien dan għandu jiġi attribwit lill-partijiet stess li damu diversi snin ikaxkru saqajhom.

Għalhekk u fid-dawl tas-suespost l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez''.

Rat ir-Risposta tal-kjamata in kawża Angelina Schembri preżentata fit-22 ta' Ġunju 2020 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

**1.** ''In linea preliminari, l-intempestività tal-azzjoni tar-rikorrent in kwantu r-rikorrent ma esawrixxiex ir-rimedji ordinarji ewlenin fosthom li jikseb dikjarazzjoni permezz ta' rikors ġuramentat ordinarju quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Gurisdizzjoni Superjuri - Sezzjoni Generali li d-deheb jappartjeni lilu u li l-flus marbutin bil-garanzija bankarja huma tiegħu wkoll. Dan ma sarx u l-fatt li għamel

rikors jew rikorsi fl-atti tal-kawża għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u s-separazzjoni tal-beni li hemm pendenti fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Gurisdizzjoni Superjuri - Sezzjoni tal-Familja bejn ħuh Francis Schembri u martu ċjoè l-esponenti, li ġġib in-numru 17/2006/BS, ma jistax jitqies li r-rikorrent eżawrixxa r-rimedji ordinarji. Il-prinċipji applikabbli meta l-Qorti tiġi biex tiddeċiedi jekk ir-rikorrent għandux jew kellux għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju ordinarju alternattiv u effettiv ġew delineati minn din il-Qorti u li ġew konfermati mill-Qorti tal-Appell Sede Kostituzzjonali f'diversi sentenzi tagħha. Dan l-insenjament ġie miġbur b'mod komprensiv fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-16 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet: **Olena Tetyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs.**

**2.** Illi d-deheb miżmum taħt l-awtorità tal-Qorti fl-atti tal-Ittra tà Medjazzjoni 86/2006/PC li ġie elevat fil-21 tà Diċembru 2006, fuq ordni tal-Qorti tal-Familja ma jappartjenix lir-rikorrent. Id-deheb kien ġie elevat mir-residenza tà Francis Schembri u martu ċjoé – l-esponenti mill-appartament tagħhom fi Triq Ulisse, Marsalforn, fejn kienu jirrisjedu dak iż-żmien l-istess konjuġi Schembri. Dan id-deheb ġie ddikjarat li huwa tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konjuġi Schembri b'sentenza tat-13 tà Gunju 2012, fil-kawża numru 17/06/BS li hemm quddiem il-Qorti tal-Familja fl-ismijiet: Angelina Schembri vs Francis Schembri, konfermata mill-Qorti tal-Appell bis-sentenza tal-1 tà Mejju 2013. Din is-sentenza hi llum waħda finali u konklussiva. Ir-rikorrent qatt ma ħa passi quddiem il-qorti ordinarja biex jikseb dikjarazzjoni kuntrarja għal din is-sentenza. Sempliċi rikors fl-atti tà kawża li fiha r-rikorrent ma kienx parti u bla prova tà xejn, ma jistax jitqies li huwa jew kien mezz xieraq tà rimedju disponibbli favur tiegħu għall-ksur minnu allegat kif kontemplat fil-proviso għall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

**3.** Illi l-istess jistà jingħad għall-garanzija bankarja. Il-garanzija bankarja kienet ġiet ordnata mill-Qorti fil-konfront tà Francis Schembri, ħu r-rikorrent, fl-atti tal-kontro-Mandat tà Sekwestru numru 132/2008 fl-ismijiet: 'Angelina Schembri vs Francis Schembri, b'digriet tal-4 tà Settembru 2008, wara li l-istess Francis Schembri kien ġabar bil-qerq il-flus kollha mill-Kont bankarju numru 40014120363 tal-komunjoni tal-akkwisti tà bejnu u bejn l-esponenti li kien hemm miftuħ fil-Bank of Valletta plc, fl-ammont ta’ sitta u disgħin elf disà mija u disgħa u ħamsin ewro u żewġ ċenteżmi (€96,959.02) u li kien milqut bil-Mandat tà Sekwestru numru 150/06/PC. Billi Francis Schembri kien irrifjuta li jiddepożita mil-ġdid dawn il-flus li kien ġabar wara li kien ġie ordnat li jagħmel dan b'digriet tad-29 tà Awwissu 2008, fl-atti tal-imsemmi kontro-Mandat, huwa kien ġie ordnat jipproduċi garanzija bankarja għall-istess ammont li ġiet depożitata taħt l-awtorità tal-Qorti permezz ta’ ċedola numru 273/2008. Il-garanzija bankarja numru 21/08 maħruġa mill-Lombard Bank (Malta) plc turi li din saret mill-Kont tà Francis Schembri. Ir-rikorrent qatt ma ħa passi quddiem il-qorti ordinarja biex jikseb dikjarazzjoni li l-flus jappartjenu lilu u li mhumiex dawk li ħuh Francis Schembri kien ġabar mill-Kont tal-Bank fuq imsemmi u naqas li jagħti sodisfazzjon tà x'għamel bihom. Sempliċi rikors fl-atti tà kawża li fiha r-rikorrent ma kienx parti u bla prova tá xejn ma jistax jitqies li huwa jew kien mezz xieraq tà rimedju disponibbli favur tiegħu għall-ksur minnu allegat kif kontemplat fil-proviso għall-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

**4.** Illi dan ir-rikors sar b'malizja u b'abbuż tal-proċess ġudizzjarju u sempliċement biex ir-rikorrent jipprova jġib fix-xejn l-ordnijiet tal-Qorti mogħtija fil-proċeduri fuq imsemmija li għadhom pendenti quddiem il-Qorti. Il-kawża numru 17/06 fuq imsemmija twalet dawn is-snin kollha għal xejn aktar ħlief għall-manuvri tà xkiel li ilu jagħmel u għadu jagħmel Francis Schembri biex ikompli jistultifika għal kollox il-kawża tax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti u diviżjoni tal-istess li hemm bejnu u martu ċjoé l-esponenti.

Dan ir-rikors huwa manuvra oħra li warajħ hemm Francis Schembri li qed jinqeda u jimbotta lil ħuh biex għamel din il-kawża biex joħloq mezz ieħor ta' kif sa jipprova jkompli jfixkel u jikkomplika l-proċess tal-kawża 17/06;

**5.** Illi r-Rikors huwa wieħed frivolu u vessatorju;

**6.** Għaldaqstant r-Rikors għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż, b'talba li għandhom jiġu applikati fil-konfront tar-rikorrent il-komminazzjonijiet kollha li timponi l-liġi fiċ-ċirkostanzi tà rikorsi fiergħa u vessatorji''.

Rat ir-Risposta tal-kjamat in kawża Francis Schembri preżentata fit-8 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha wieġeb is-segwenti:-

''Illi preliminarjament l-esponenti jesponi illi huwa m'għandux locus standi fil-proċeduri odjerni stante li l-ilment dwar smigħ xieraq jolqot il-konduzzjoni tal-proċedimenti ġudizzjarji fl-ismijiet Schembri Angelina sive Lina vs Schembri Francis ref: 17/2006, indipendentement mill-posizzjoni ta' Angelina Schembri u Francis Schembri. Il-fatt illi Angelina Schembri u Francis Schembri huma parti f'dawn il-proċeduri ġudizzjarji fuq riferiti ma' jagħmluhomx ipso facto parti fil-kawża tal-lum fejn qiegħed ikun trattat biss allegat ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u privazzjoni mhux ġustifikata tal-propjeta. Imkien ma' qiegħed ikun allegat illi Angelina Schembri u Francis Schembri kienu komparteċipi fl-allegat ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Huwa l-Avukat tal-iStat waħdu li għandu jwieġeb skont il-liġi għal lanjanzi tar-rikorrenti u dan in linea mal-ġurisprudenza stabbilita.

Illi l-esponenti jikkontendi illi huwa minnhu li parti mid-deheb li ġie ikkonfiskat huwa tar-rikorrenti George Schembri, iżda l-esponenti ma jaħti xejn għall-konfiska li saret u lanqas għad-dewmien tal-proċeduri u b'hekk m'għandu jbagħti ebda spejjeż in konnessjoni ma' dan.

Illi l-istess jingħad dwar il-lanjanza tar-rikorrenti dwar ir-rifjut tal-Qorti tal-Familja sabiex tippermettilu jagħti garanzija alternattiva u dan peress illi għalkemm l-esponenti ġie miċħud tali talba l-esponenti ma kellux x'jaqsam ma' dan. Din kienet deċiżjoni tal-Qorti u mhux tal-esponenti.

Għaldaqstant l-esponenti filwaqt li jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti huwa jesponi bir-rispett illi ma' għandu jbgħati ebda spejjeż in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri''.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawża;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-8 ta' Ġunju 2022 fejn il-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

Dawn il-proċeduri jolqtu għoti ta' garanzija bankarja maħruġa fis-sena 2008 u deheb li ġie miżmum taħt l-awtoritá tal-Qorti fuq ordni tal-istess Qorti, it-tnejn b'rabta ma proċeduri ċivili istitwiti mil-intimata kjamata in kawża Angelina Schembri kontra żewġha l-intimat kjamat in kawża Francis Schembri. Il-fatti ewlenin kif joħorġu mill-atti proċesswali rigwardanti dan id-deheb u din il-garanzija b'rabta ma dawn il-proċeduri jikkonsistu fis-segwenti:

1. Fuq talba tal-intimata Angelina Schembri, fis-27 ta' Ottubru 2006 il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri ħarġet mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 150/2006 kontra żewġha l-intimat Francis Schembri. Dan is-sekwestru ħareġ in kawtela tal-kreditu ta' mitt elf liri maltin rappreżentanti "*Depożiti fil-banek lokali li jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, dwar liema beni tal-komunjoni ser tiġi stitwita kawża għax-xoljiment tal-istess u separazzjoni tal-beni.*" (ara fol 54);
2. Fis-6 ta' Novembru 2006, ċioè għaxart ijiem wara, l-intimata Angelina Schembri ippreżentat kontra żewġha Rikors Guramentat numru 17/06 għal qsim ġuddizzjaru tal-beni skont l-artikolu 1332(1)(b) tal-kap. 16 fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni tal-Familja (ara fol 830).
3. Fl-20 ta' Novembru 2006, l-Intimata Anġelina Schembri preżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni tal-Familja

Ittra numru 86/2006 sabiex tiġi awtorizzata tipproċedi għas-separazzjoni personali minn ma żewġha l-intimat Francis Schembri (ara fol 153).

4. Permezz ta' Rikors preżentat fl-1 ta' Diċembru 2006 fl-atti ta' din l-Ittra numru 86/2006, l-intimata Angelina sive Lina Schembri talbet lil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni tal-Familja tawtoriżżha tidħol fil-fond fejn kienet tgħix mal-intimat żewġha Francis Schembri bl-assistenza tal-marixxal tal-Qorti sabiex tkun tista' toħroġ ħwejjeġ u oġġetti personali tagħha u ta' uliedha (ara fol 173);
5. B'digriet mogħti fis-7 ta' Diċembru 2006, il-Qorti laqgħet it-talba tal-intimata Angelina Schembri u awtoriżżata tidħol fil-fond għal dan il-għan nhar il-Ħamis 21 ta' Diċembru 2006 (ara fol 182).
6. Jirriżulta mill-proċess verbal redatt mill-Marixxal fil-21 ta' Diċembru 2006 li, waqt l-eżekuzzjoni ta' dan id-digriet, fil-fond imsemmi instab kwantita ta' deheb hemm elenkat li ġie elevat u miżmum taħt l-awtoritá tal-Qorti fuq ordni tal-istess Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni tal-Familja (ara fol 194);
7. B'rikors preżentat fl-4 ta' Frar 2007 fl-Atti ta' l-istess Ittra Numru 86/2006, l-intimat Francis Schembri talab lill-Qorti tawtoriżżaħ jirtira minn taħt l-awtoritá tagħha dan id-deheb. Dan fuq ir-raġuni li "*l-istess deheb huwa l-proprjetá parafernali ta' l-esponenti u ta' ħuh George Schembri*" (ara fol 361). Dan ir-Rikors ġie oppost mill-Intimata Angelina Schembri b'risposta preżentata fil-21 ta' Frar 2007 (ara fol 365). Ma huwiex magħruf kif ġie degretat dan ir-Rikors billi kopja tiegħu ma hux preżentat fl-atti.

8. B'Rikors ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2008 fl-Atti tar-Rikors Ġuramentat numru 17/2006, l-Intimata Angelina Schembri talbet lill-Qorti jogħġobha tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-Ittra tal-Familja numru 86/2006. Dan għal raġuni li l-oġġetti tad-deheb hekk elevati u miżmuma taħt l-awtoritá tal-Qorti "*iridu jiġu assenjati lil dik il-parti f'din il-kawża li għandha dritt għalilhom*" (ara fol 392). Jidher li l-intimat Francis Schembri oppona għal dan ir-Rikors b'risposta preżentata fit-30 ta' Awwissu (ma hiex fl-atti). Din ir-risposta reġgħet ġiet opposta b'risposta oħra preżentata fit-30 ta' Awwissu 2008 mill-Intimata Angelina Schembri (ara fol 404). Ma huwiex magħruf kif ġie degretat dan ir-Rikors billi kopja tiegħu ma hux preżentat fl-atti.
9. B'Rikors preżentat fit-22 ta' Awwissu 2008, l-intimat Francis Schembri talab lil Qorti tawtorizza lilu u lil ħuh George Schembri illi jingħataw aċċess għall-oġġetti siġillati u miżmuma taħt l-awtoritá tagħha "*sabiex huma jistgħu jidentifikaw l-oġġetti li jappartjenu lilhom sabiex ikunu f'pożizzjoni illi jiġiebu l-provi neċessarji fil-kawża fl-ismijiet fuq premessi, in kwantu tittratta dwar il-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-parijiet.*" Ma huwiex magħruf kif ġie degretat dan ir-Rikors billi kopja tiegħu ma hux preżentat fl-atti.
10. Fit-12 ta' Awwissu 2008, l-intimat Francis Schembri preżenta kontro-mandat numru 132/2008 fejn talab ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru numru 150/2006 surriferiet. Dan fuq ir-raġuni "*illi ma ġietx ippreżentata l-kawża għall-pretensjoni msemmija fil-mandat u kwindi l-*

*mandat de quo m'għadux fis-seħħ, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 849 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta*" (ara fol 766).

11. Minkejja li l-kawża ġiet fil-fatt preżentata entro t-terminu statutorju, l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) laqgħet il-kontro-mandat b'digriet datat 25 ta' Awwissu 2008. Dan għamlitu mingħajr ma l-ewwel ordnat in-notifika tal-kontro-mandat biż-żmien għar-risposta (ara digriet a' fol 767).

12. L-Intimata Angelina Schembri tħalliet barra min-notifika ta' dan il-Kontromandat ukoll. Dan joħroġ mir-riferti a' fol 767 (faċċata 2) fejn jirriżulta li ġew notifikati biss il-Banek sekwestratarji.

13. L-għada, jiġifieri fis-26 ta' Awwissu 2008, l-Intimat Francis Schembri għalaq il-kont bin-numru 40014120363, formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, li fih kien hemm bilanċ ta' €96,959.02 (ara fol 778 u affidavit tal-Avukat Mario Xerri a' fol 762);

14. Hekk kif dan ġie a konjizzjoni tal-intimata, Angelina Schembri preżentat rikors fid-29 ta' Awwissu 2008 fejn talbet lil Qorti tirrevoka contrario imperio d-digriet li bih irrevokat il-mandat numru 150/06, tordna lill-intimat ireġġa l-flus kollha li laħaq ġabar u tieħu provvedimenti fil-kontromandat tal-intimat żewġha (ara fol 776);

15. B'digriet mogħti fl-istess jum, il-Qorti tal-Maġistrati, "*wara li rat l-atti tal-mandat u vverifikat il-fatti vera tal-każ*" għaddiet biex "*tipprovdi billi tilqa' t-talbiet u tordna lil Francis Schembri sabiex fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa jerġa jiddepożita l-ammont ta' sitta u disgħin elf, disa' mija u disgħa u ħamsin Ewro u żewġ ċenteżmi (€96,959.02c) minnu irtirati*

*mill-Bank of Valletta fis-26 ta' Awwissu 2008, u fl-istess żmien jiddepożita r-riċevuta relattiva fl-atti ta' dan il-mandat. Fin-nuqqas jittieħdu passi ulterjuri.*" (ara digriet a' fol 769).

16. Billi l-Intimat Francis Schembri baqa m'ottemprax ruħu ma' dan id-digriet, l-Intimata Angelina Schembri preżentat rikors fit-2 ta' Settembru 2008 fejn talbet lill-istess Qorti tordna lil-Francis Schembri jidher quddiema, ssibu ħati ta' disprezz, tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 991 u 992 tal-Kap. 12 u tieħu l-passi fit-termini tal-artikolu 997 tal-istess Kap. 12 (ara rikors a' fol 770);

17. Għal dan ir-Rikors Francis Schembri preżenta risposta fl-istess jum fejn fost affarijiet oħra talab lil Qorti tissospendi t-terminu ta' 24 siegħa mogħti lilu skont l-imsemmi digriet tad-29 ta' Awwissu 2008, jew testendiħ sabiex isib rimedju biex jiggarantixxi il-pretensjonijiet ta' Angelina Schembri anke b'garanzija bankarja taħt il-kundizzjonijiet li l-Bank jista jimponi ara fol 782).

18. B'digriet mogħti jumejn wara, jiġifieri fl-4 ta' Settembru 2008, il-Qorti issospendiet l-ordni tagħha tad-29 ta' Awwissu 2008 u kkonċediet lill-istess Francis Schembri ġimgħa żmien sabiex jipproduċi garanzija bankarja idonea għall-istess ammont (ara digriet a' fol 788).

19. Permezz ta' ċedola numru 273/2008 (a' fol 792/812), l-intimat Francis Schembri ddepożita taħt l-awtoritá tal-Qorti garanzija bankarja numru 21/08 maħruġa minn Lombard Bank Malta p.l.c. fid-9 ta' Settembru 2008 għall-ammont ta' €100,000 (ara fol 794/815);

20. Fil-verbal tal-5 ta' Novembru 2008 fl-atti tal-kontro-mandat numru 132/08, il-Qorti għaddiet biex "*Tawtorizza lil Francis Schembri biex jirtira l-garanzija bankarja minnu prodotta sabiex isiru l-korrezzjonijiet meħtieġa, b'dan illi għandha tiġi prodotta garanzija oħra simili fi żmien ġimgħa minn meta tiġi rtirata*" (ara fol 802 u 815)

21. B'nota preżentata fit-23 ta' Diċembru fl-atti taċ-Ċedola Numru 273/08 (fol 816), l-Intimat Francis Schembri preżenta l-garanzija bankarja numru 21/08 kif korretta (ara fol 817);

22. Fil-verbal tat-12 ta' Frar 2009 fl-atti tal-kontro-mandat numru 132/08, il-Qorti laqgħet it-talba tal-legali tal-intimata Angelina Schembri fejn talbet "*illi l-oriġinal tal-garanzija bankarja depożitata fl-atti taċ-ċedola numru 273/2008 tinżamm kostodita fis-safe tal-Qorti u titħalla kopja tagħha fl-atti tal-istess ċedola.*" (ara fol 805);

*23.* Permezz ta' sentenza parzjali datata 16 ta' Settembru 2009, il-Qorti provdiet fuq ir-Rikors Ġuramentat numru 17/006 għal qsim ġudizzjarju tal-beni billi "*tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u filwaqt li tiddikjara li l-imġieba tal-konvenut qiegħed jipperikola l-interessi tal-komunjoni tal-akkwisti u tal-attriċi, tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi u tiddikjara terminata l-komunjoni tal-akkwisti bejn Francis u Angelina magħrufa bħala Lina konjuġi Schembri u fl-istess ħin tordna li jsir il-qsim ġudizzjarju tal-komunjoni tal-beni. Il-komunjoni tal-akkwisti tispiċċa meta s-sentenza ssir finali u konklussiva.*" (ara fol 853).

*24.* F'dik is-sentenza il-Qorti kkunsidrat li "*Minn dak li semgħet il-Qorti m'għandha l-ebda diffikultá biex tikkonkludi li kif l-attriċi għolliet subgħajha, żewġha beda gwerra. ... Kif inqala l-inkwiet matrimonjali saru manuvri min-naħa tal-konvenut sabiex jara kif jillikwida l-ġid tal-komunjoni tal-akkwisti, u li seta' jiġi likwidat mingħajr l-intervent ta' martu. Aġir li l-qorti tista tiddeskrivih biss bħala abbuż ta' poter fil-ġestjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-Konvenut baqa' jinsisti li dak li ġara wara d-data tal-preżentata tal-kawża, 6 ta' Novembru 2006, m'huwiex rilevanti għall-eżitu ta' din il-kawża. Il-konvenut hu żbaljat in kwantu baqa' jamministra. Inoltre, l-imġieba ħażina tal-konvenut bdiet minn qabel ġiet preżentata l-kawża. Jekk qabel inqala' l-inkwiet jista' forsi kien hemm xi dubju jekk l-imġieba tal-konvenut dwar l-amminstrazzjoni kienet qiegħda tipperikola l-interessi tal-attriċi, illum dan id-dubju ma jeżistix. Il-qorti ma tistax tagħlaq għajnejha għal dak li għamel il-konvenut meta tqies per eżempju li:- ...*

*i.v. Flus li kienu depożitati f'kont bankarju ma' Bank of Valletta plc numru 40014120363 ingħalaq u fis-26 ta' Awwissu 2008 l-konvenut ġibed is-somma ta' €96,959.02 Flus li kienu milquta mill-mandat ta' sekwestru numru 150/06 fl-ismijiet Angelina sive Lina Schembri vs Francis Schembri preżentat fis-27 ta' Ottubru 2006. Il-kont kien f'isem Francis u Angelina konjuġi Schembri (fo. 721) u c-cekk inhareg f'isem il-konvenut (fol. 720). <u>Dan wara li l-konvenut irnexxielu jottejni l-hrug ta' kontromandat (numru 132/2008) ghall-mandat ta' sekwestru numru 150/2006, u li qatt ma kellu jinhareg peress li kien hemm din il-kawza pendenti</u>. <u>Kawza li saret fit-</u>*

*<u>terminu preskritt mil-ligi wara l-hrug tal-mandat ta' sekwestru numru 150/2006. Hu minnu li wara digrieti li nghataw mill-qorti, il-konvenut ipprovda garanzija bankarja li tkopri din is-somma. Jibqa' l-fatt pero li l-konvenut gibed dawn il-flus, u l-qorti m'hijiex konvinta ta' din il-garanzija ghaliex in buona fede izda ghaliex ma setax jaghmel mod iehor meta ra li in vista tad-digriet tal-qorti bl-agir tieghu seta' kien qieghed jippregudika l-posizzjoni tieghu. Kieku il-konvenut kien in buona fede mill-bidu nett ma kienx jisbanka l-flus kollha minn wara dahar martu meta kien jaf li hemm il-kawzi pendenti.</u> Il-konvenut iddikjara li din is-somma konsiderevoli ntuzat "......biex jithallsu djun li qed jinkorri minhabba l-istess sekwestru." (fol. 731), minghajr ma' ta' l-ebda hjiel fhix jikkonsisti dan l-allegat dejn. Kliem li fil-fehma tal-qorti jkompli jiggustifika l-biza' li ghandha l-attrici, u li tkompli tikber meta l-konvenut jaghmel dikjarazzjonijiet fis-sens li qieghed "...kontinwament jirrikorru ghal self ta' flus minghand terzi b'rati ta' imghax gholjin u garanziji asfissjanti, minhabba illi l-flus taghhom kienu ffrizjati permezz ta' dan il-mandat ta' sekwestru...." (fol. 738). Dan minkejja li kif rajna l-konvenut ma ta l-ebda taghrif dwar dan is-self u li tista' tkun xi manuvra ohra.* ...

*<u>Dan hu kaz klassiku ta' dilapidazzjoni tal-beni minn wiehed mill-konjugi. L-agir tal-konvenut ma jistax jigi deskritt mod iehor ghajr attakk ghall-beni li taghhom l-attrici hi wahda mit-titolari, minghajr ebda konsiderazzjoni ghall-interessi taghha</u>. Il-konvenut isostni li dawn il-beni huma proprjeta' parafernali, izda ma ressaqx provi sabiex jeghleb il-prezunzjoni li l-beni*

*kollha jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti (Artikolu 1321 tal-Kodici Civili). Hu evidenti li kemm ilu inqala' l-inkwiet f'din il-familja, il-konvenut qieghed jahseb biss fl-interess personali tieghu u l-qorti ma tistax tikkondividi l-modus operandi tieghu. ...*

*L-atteggjament tal-konvenut hu car, u cjoe' li jahtaf li jista' u mbaghad jara x'jirrizulta fil-kawza. Il-qorti hi mpressjonata kif minn wara dahar l-attrici l-konvenut, meta kien jaf li hemm il-maltemp, kaxkar dawk il-flus kollha. Jidher li l-konvenut ghamel patt mieghu nnifsu li jara kif jaghmel sabiex martu ma tiehux sehemha mill-flus.*...

*Il-qorti baqghet ukoll impressjonata dwar il-mod legger li bih xehed il-konvenut fejn l-iskop principali tieghu kien li jkun evaziv fir-risposti li ta ghall-mistoqsijiet li sarulu u li jaghti l-messagg li jsir dak li jghid hu. Fic-cirkostanzi il-qorti ma tarax kif l-attur jista' qieghed jopera wkoll fl-interess ta' martu u tal-komunjoni tal-akkwisti, u anzi hi konvinta li qieghed jopera biss fl-interess personali tieghu.*" (ara fol 849 et seq).

25. Francis Schembri appella min din is-sentenza parzjali. Madanakollu, l-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-2 ta' Marzu 2010 ċaħdet l-appell, ikkonfermat is-sentenza appellata tal-ewwel Qorti tas-16 ta' Settembru 2009 u kkundannat lill-intimat Francis Schembri għal ħlas doppju tal-appell a tenur tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 "*Stante li l-appell huwa wieħed li jirrażenta l-fieragħ iżda kjarament vessatorju*" (ara fol 879).

26. F'dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell ikkunsidrat li "*l-prezunzjoni fil-ligi (Artikolu 1321 tal-Kodici Civili) hi li l-beni kollha tal-mizzewgin jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk hu l-konvenut li jrid jeghleb din il-presunzjoni u jressaq provi li dak li qed jghid huwa minnu. Mill-atti akkwiziti ma tirrizultax din il-prova, anzi jirrizulta li ghalkemm il-konvenut xehed li l-investimenti saru minn flus parafernali, dawn l-istess investimenti qeghdin f'isem il-konjugi Schembri u mhux f'isem il-konvenut personali. Inoltre l-konvenut ma kellu l-ebda dritt jirtira dawn il-flus ghall-bzonnijiet tieghu meta dawn kienu fuq isem it-tnejn. ... Fic-cirkostanzi din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, tikkonkludi li l-konvenut ma kienx qieghed jopera u jamministra l-komunjoni tal-akkwisti fl-interess ta' martu wkoll, anzi hi konvinta li kien qieghed jopera biss fl-interess personali tieghu. Dan l-appell kjarament sar biss biex l-appellant jivvessa lill-martu.*" (ara fol 877 et seq).

27. Permezz ta' sentenza parzjali mogħtija fit-13 ta' Ġunju 2012, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni tal-Familja iddeċidiet li l-Komunjoni ta' l-Akkwisti għanda tikkonsisti, fost oħrajn, kemm il-kont bin-numru 40014120363 fl-ammont ta' €96,959.02 li kien ingħalaq mill-intimat Francis Schembri fis-26 ta' Awwissu 2008, kif ukoll f'dawk l-oġġetti tad-deheb li ġew elevati u miżmuma taħt l-awtoritá tal-Qorti (ara fol 887, 891 u 895)

28. L-Intimat Francis Schembri appella wkoll minn din is-sentenza parzjali fuq aggravji li jikkonċernaw assi oħra li ma humiex il-kont numru

40014120363 u d-deheb in kwistjoni. Il-Qorti tal-Appell b'sentenza mogħtija fil-31 ta' Mejju 2013 għaddiet biex ċaħdet l-istess filwaqt li kkonfermat s-sentenza appellata (ara fol 902). Il-proċeduri ġew għalhekk rimessi lill-ewwel Qorti għal prosegwiment tal-kawża għal likwidazzjoni tal-istess komunjoni. Il-proċeduri għadhom s'issa pendenti quddiem l-ewwel Qorti.

29. Fis-27 ta' Diċembru 2019, ir-Rikorrenti George Schembri, ħu l-intimat Francis Schembri, istitwixxa dawn il-proċeduri kostituzzjonali.

**<u>Punti ta' Liġi</u>**

B'dawn il-proċeduri r-Rikorrenti qed jilmenta li "*d-dewmien fil-proċedura ta' separazzjoni pendenti bejn ħu l-esponenti u martu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Sede Superjuri – Sezzjoni tal-Familja fl-ismijiet Schembri Angelina sive Lina vs Schembri Francis ref: 17/2006*" qed jilledi d-dritt fundamentali tiegħu sanċit fl-artikoli 37 tal-Kostituzzjoni u l-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li jgawdi paċifikament id-deheb in kwistjoni u li jagħti garanzija alternattiva għal dik bankarja li nħarġet fis-sena 2008 (jiġifieri dik numru 21/08 maħruġa minn Lombard Bank Malta p.l.c. fid-9 ta' Settembru 2008 għall-ammont ta' €100,000 a' fol 794/815). Dan fuq il-premessa li l-garanzija bankarja nħarġet minnu favur ħuh filwaqt li d-deheb jippartjeni "*fil-maġġor parti lill-esponenti u lil ħuh Francis Schembri, b'uħud mil-biċċiet ta' l-istess deheb huwa proprjetá esklussiva tal-esponenti, provenjenti mill-wirt tal-ġenituri u zijiet*".

Ir-rikorrent qiegħed jilmenta ukoll li d-dewmien bejn il-Konjuġi intimati Schembri qiegħed jiksirlu id-dritt tiegħu taħt artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

*Arikoli 37 u Artikoli I tal-Ewwel Protokoll tal-kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament.*

L-ewwel sub-inċiż tal-artikolu 37 jippreskrivi speċifikatament li l-pussess ta', interess fiħ jew dritt fuq proprjetá jista jittieħed jew jinkiseb b'mod obbligatorju biss bis-saħħa ta' liġi li għandha:

1. tipprovdi għal ħlas ta' kumpens xieraq;
2. tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż
    a. l-interess tagħha fiħ jew dritt fuq il-proprjetà;
    b. l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata; u
    c. li tikseb ħlas ta' dak il-kumpens;
3. tiżgura dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell lil kull parti fi proċeduri quddiemha dwar pretensjoni bħal dik.

L-ewwel parti tal-ewwel paragrafu tal-artikolu protokollari tal-Konvenzjoni hija, min-naħa l-oħra, ta' natura ġenerali u tenunċja l-prinċipju li "*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha.*" Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEBD) stabbiliet li "*... By recognising that everyone has the right to the peaceful enjoyment of his possessions, Article 1 is in substance guaranteeing the right of property.*" (***Marckx v. Belgium***, § 63-6).

Din il-protezzjoni għad-dritt tal-godiment paċifiku tal-possedimenti jew proprjetá taħt l-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni u l-ewwel parti tal-ewwel artikolu protokollari, ma hijiex assoluta. Is-sub-inċiżi (2), (3) u (4) tal-artikolu 37 jipprovdu għal istanzi partikolari li jeżentaw l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, bħal fil-każ ta' "*teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà ... fl-esekuzzjoni ta' sentenzi jew ordnijiet ta' qrati*" (art. 37(2)(h)). Min naħa tal-artikolu protokollari, t-tieni parti tal-ewwel paragrafu jkopri biss id-deprivazzjoni ta' "pussess" u tissuġġettaha għal ċerti kundizzjonijiet. It-tieni paragrafu jirrikonoxxi li l-Istati Kontraenti huma intitolati li, inter alia, jikkontrollaw l-użu tal-proprjetá skont l-interess ġenerali (ara **Premier Leasing and Investments Company Limited v. L-Avukat Ġenerali et**, Qorti Kostituzzjonali, 6 ta' Frar 2015 § 37; **Sporrong and Lönnroth v. Sweden**, §61; **Iatridis v. Greece** [GC], § 55; **J.A. Pye (Oxford) Ltd and J.A. Pye (Oxford) Land Ltd v. the United Kingdom** [GC], § 52; **Anheuser-Busch Inc. v. Portugal** [GC], § 62; **457 Ališić and Others v. Bosnia and Herzegovina, Croatia, Serbia, Slovenia and the Former Yugoslav Republic of Macedonia** [GC], § 98; **Immobiliare Saffi v. Italy** [GC], § 44; **Broniowski v. Poland** [GC], § 134; and **Vistiņš and Perepjolkins v. Latvia** [GC], § 93).

Qabel ma timbarka fuq analiżi sostantiva taċ-ċirkostanzi ilmentati taħt dan l-artikolu Kostituzzjonali u/jew Konvenzjonali, l-Qorti għandha l-ewwel tkun sodisfatta li dan l-artikolu huwa applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Fi kliem ieħor, il-Qorti għandha l-ewwel teżamina f'kull każ jekk iċ-ċirkostanzi tal-kawża, fl-assjem tagħhom, jikkonferux fuq ir-Rikorrenti titolu għal-dik il-"proprjetá"

protetta fl-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni jew dawk il- "possedimenti" protetti fl-ewwel parti tal-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni.

F'dan ir-rigward ġie ribadit mill-QEBD li "*The concept of "possessions" referred to in the first part of Article 1 of Protocol No. 1 has an autonomous meaning which is not limited to ownership of physical goods and is independent from the formal classification in domestic law: certain other rights and interests constituting assets can also be regarded as "property rights", and thus as "possessions" for the purposes of this provision.* ***The issue that needs to be examined in each case is whether the circumstances of the case, considered as a whole, conferred on the applicant title to a substantive interest protected by Article 1 of Protocol No. 1***" (**Anheuser-Busch Inc. v. Portugal** [GC], § 63; **Öneryıldız v. Turkey** [GC], § 124; **Broniowski v. Poland** [GC], § 129; **Beyeler v. Italy** [GC], § 100; **Iatridis v. Greece** [GC], § 54; **Centro Europa 7 S.R.L. and di Stefano v. Italy** [GC], § 171; **Fabris v. France** [GC], §§ 49 and 51; **Parrillo v. Italy** [GC], § 211; **Béláné Nagy v. Hungary** [GC], § 76; **Elif Kizil v. Turkey**, § 61) (Emfażi u sottolinear ta' din il-Qorti).

Il-QEBD tkompli tafferma li "*Article 1 of Protocol No. 1 does not guarantee the right to acquire property (see Van der Mussele v. Belgium, judgment of 23 November 1983, Series A no. 70, p. 23, § 48; Kopecký v. Slovakia [GC], no. 44912/98, § 35, ECHR 2004-IX). This provision does no more than enshrine the right of everyone to the peaceful enjoyment of "his" possessions, and that consequently it applies only to a person's existing possessions (see Marckx v. Belgium, judgment of 13 June 1979, Series*

*A no. 31, p. 23, § 50). <u>Where a person actually possessed a property and was considered its owner for all legal purposes he or she can be said to have had a "possession" within the meaning of Article 1 of Protocol No.1</u> (see Bečvář and Bečvářová v. the Czech Republic, no. 58358/00, § 131, 14 December 2004). <u>"Possessions" can also be assets, including claims, in respect of which the applicant can argue that he or she has at least a "legitimate expectation" of obtaining effective enjoyment of a property right</u> (Kopecký, ibid, § 35). By way of contrast, the hope of recognition of a property right which it has been impossible to exercise effectively cannot be considered a "possession" within the meaning of Article 1 of Protocol No. 1. <u>A "legitimate expectation" must be of a nature more concrete than a mere hope, and must be based on a legal provision or a legal act such as a judicial decision</u> (Kopecký, ibid, §§ 35, 49). **<u>A person who complains of a violation of his or her right to property must first show that such a right existed</u>** (see Pištorová v. the Czech Republic, no. 73578/01, § 130* [recte § 38]*, 26 October 2004).*" (**Zhigalev v. Russia**, § 131; ara wkoll **Centro Europa 7 S.R.L. and di Stefano v. Italy** [GC], § 173; **Saghinadze and Others v. Georgia**, § 103; **Ceni v. Italy**, § 39; **Béláné Nagy v. Hungary [GC], § 75**)

Il-Qorti Ċivili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża **Eve sive Evette Agius et vs L-Awtoritá tal-Artijiet et** datata 5 ta' Ottubru 2017 bl-istess mod irriteniet li "*Effettivament **<u>it-talba</u>** taghhom, **<u>kif ippernjata fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll jesigi per definizzjoni prova ta' "dritt" altrimenti ma jistax jirnexxi</u>**. ...*

*Illi kif gie ribadit mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet* **Conrad Axisa et v Avukat Generali et** *(dec. 7 ta' Awwissu 2013):*

*"15. Il-Qorti inoltre tirrepeti li l-kawżi kostituzzjonali ma humiex eżerċizzji akkademiċi sabiex fihom jiġi eżaminat xi punt legali fl-astratt u l-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha dwaru*, *iżda f'kawża kostituzzjonali, li bħall-kawża odjerna ma tkunx tinkwadra bħala actio popolaris, persuna interessata tilmenta minn fatti, li jridu jiġu pruvati, li permezz tagħhom allegatament ikun ġie miksur xi dritt fundamentali tagħha liema allegazzjoni tkun kontrastata mill-persuna intimata u l-Qorti tiġi mitluba tiddeċiedi l-vertenza li konsegwenzjalment ikun żviluppat"* (Emfażi u sottlinear ta' din il-Qorti)*.*

F'dan ir-rigward l-Qorti Ċivili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) fil-kawża **AIC Joseph Barbara et v. Onorevoli Prim Ministru** datata 4 ta' Jannar 2001 tiċċita "*L-awturi Harris, O'Boyle u Warbrick, fil-ktieb taghhom "Law of the European Convention on Human Rights" (Butterworths (London)), 1995* [li] *ifissru l-kuncett ta' "possessions" fil-kuntest tal-artikolu in ezami hekk: "The English language text uses the word "possessions" to describe the protected interest but any suggestions that it should be read narrowly is refuted by the word "biens" in the French text which indicates that a wide range of proprietorial interests were intended to be protected. … . The essential characteristic is the acquired economic value of the individual interest. Expectations do not have the degree of concreteness to bring them within the idea of "possessions". Initially,* ***<u>the ascription and identification of property rights is for the national legal system, and it is incumbent on the applicant to establish the precise</u>***

***nature of the right in the national law and his entitlement to enjoy it.*** *" (p. 517, sottolinear tal-Qorti). Fl-istess kuntest, van Dijk u van Hoof, fit-tielet edizzjoni tal-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" (Kluwer (The Hague), 1998) jghidu hekk: "According to constant case-law, "possessions" may be either existing possessions or valuable assets, including claims, in respect of which the applicant can argue that he has at least a "legitimate expectation" that they will realise. There is no question of possessions until the moment at which one can lay claim to the property concerned. As stated above,* ***a claim may constitute a "possession" in the sense of Article 1, but it should then be a concrete, adequately specified claim****." (p. 622, sottolinear ukoll tal-Qorti).*"

**Konsiderazzjonijiet**

Fit-tieni eċċezzjoni preliminari tiegħu, l-Avukat tal-Istat jeżiġi preċiżament il-prova ta' dan id-dritt ta' proprjetá / possedimenti reklamat mir-Rikorrenti. Hemm huwa ssolleva l-ħtieġa li "*ir-rikorrent għandu jispeċifika eżattament kemm huma dawn l-ammonti ta' flus u deheb li qed jgħid li huma tiegħu u jġib prova tat-titolu*". Dan peress li, kif irribadiet il-ġurisprudenza su ċitata, huwa elementari li **Rikorrent li jilmenta minn vjolazzjoni tad-dritt tiegħu għall-proprjetá, għandu l-ewwel juri li tali dritt jeżisti.**

Il-Qorti sejra għalhekk, u fid-dawl tal-prinċipji ġurisprudenzjali esposti supra, tiddetermina l-ewwel, qabel ma timbarka fuq analiżi sostantiva taċ-ċirkostanzi ilmentati, jekk l-istess ċirkostanzi jikkonferux fuq ir-Rikorrenti t-titolu għal-dik il-proprjetá/possedimenti reklamata/i minnu.

Ir-Rikorrenti qiegħed hekk jirreklama bħala proprjetá/possedimenti tiegħu s-segwenti:

1. "*uħud mill-biċċiet*" tad-deheb elevat mill-Marixxal fil-21 ta' Diċembru 2006 waqt l-eżekuzzjoni tad-digriet tas-7 ta' Diċembru 2006 u miżmuma taħt l-awtoritá tal-Qorti fuq ordni tal-istess Qorti; u
2. l-garanzija bankarja numru 21/08 depożitata fl-atti taċ-ċedola numru 273/2008 fuq konċessjoni mogħtija mill-Qorti b'digriet tal-4 ta' Settembru 2008 fuq talba għaldaqshekk mill-intimat ħuh Francis Schembri.

Ir-Rikorrenti jippremetti li dawn l-"*uħud mill-biċċiet*" tad-deheb huma "*proprjeta esklussiva tal-esponenti, provenjenti mill-wirt tal-ġenituri u zijiet*" (ara premessa numru 3). Kien għalhekk inkombenti fuq ir-rikorrenti li jipproduċi r-riċerki testamentarji tal-ġenituri u zijiet.

Minflok ma għamel dan, ir-Rikorrenti jaqbad max-xhieda ta' mart ħuh, l-intimata Angelina Schembri, fejn wieġbet li "*id-deheb li kien hemm antik ma nafx ta' min hu*", u jissottometti li d-dritt tiegħu fuq il-proprjetá tirriżulta min hemm (ara nota a' fol 931).

Din it-tweġiba ta' mart ħuh ma tagħti, lanqas minimament, ebda aċċertament li, b'daqshekk, "*uħud mill-biċċiet*" tad-deheb jappartjenu lir-Rikorrenti. Dan speċjalment fid-dawl tal-kontestazzjoni eċċepita u sostnuta mill-istess intimata Angelina Schembri "*illi d-deheb miżmum taħt l-awtoritá tal-Qorti fl-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni 86/2006/PC li ġie elevat fil-21 ta' Diċembru 2006, fuq ordni tal-Qorti tal-Familja ma jappartjenix lir-rikorrent.*" (ara t-tieni eċċezzjoni tar-risposta a' fol 18).

Ladarba ma hemm xejn fl-atti preżentati mir-Rikorrenti li b'xi mod juru l-eżistenza ta' dritt ta' proprjetá/possediment pretiż mir-Rikorrenti fuq "*uħud mill-biċċiet*" ta' dan id-deheb, it-talba tar-Rikorrenti fuq l-istess tesorbita għall kollox mill-applikazzjoni tal-artikolu 1 tal-ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Konsegwentement il-Qorti ma tirraviża l-ebda ksur tal-Artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-ewwel parti tal-ewwel artikolu protokollari tal-Konvenzjoni fir-rigward ta' "*uħud mill-biċċiet*" ta' dan id-deheb.

L-istess jingħad għal-garanzija bankarja numru 21/08 (a' fol 817) konċessa mill-Qorti b'digriet tal-4 ta' Settembru 2008 fuq talba għaldaqshekk mill-intimat ħuh Francis Schembri. Ma hemm assolutament xejn fl-atti li juru li din il-garanzija inħarġet mir-Rikorrenti, lanqas fil-garanzija stess. Anzi, kif rilevat mill-intimata Angelina Schembri, "*il-garanzija bankarja numru 21/08 maħruġa mill-Lombard Bank (Malta) plc turi li din saret mill-Kont ta' Francis Schembri.*" (ara t-tielet eċċezzjoni a' fol 19).

La darba l-atti juru li l-garanzija ma saritx minn flusu iżda minn flus ħuh l-intimat Francis Schembri, r-Rikorrenti ma seta qatt "*kellu legitimate expectation li l-proċeduri ta' separazzjoni ma jdumux dewmien eseġerat*" (ara premessa numru 12 a' fol 2). Jiġi rilevat li dawn il-proċeduri msemmija l-anqas biss huma proċeduri ta' separazzjoni iżda ta' qsim u likwidazzjoni ġudizzjarja tal-beni. Aktar minn hekk, joħroġ mill-ġurisprudenza fuq kwotata li, sabiex din l-'*expectation*' tkun leġittima, trid tkun ta' natura konkreta u mhux mera speranza. Magħdud dan, l-istess aspettattiva għandha tkun ibbażata fuq provvediment jew att legali bħal deċiżjoni ġudizzjarja, ħaġa li ma tiffigura ruħha xejn fil-każ in

eżami. Tabilħaqq, u fi kliem il-QEBD, it-tama ta' rikonoxximent ta' dritt ta' proprjetà li kien impossibbli li jiġi eżerċitat b'mod effettiv ma tistax titqies bħala "possediment" fis-sens tal-Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 1 (ara (**Zhigalev v. Russia**, § 131; ara wkoll **Centro Europa 7 S.R.L. and di Stefano v. Italy** [GC], § 173; **Saghinadze and Others v. Georgia**, § 103; **Ceni v. Italy**, § 39; **Béláné Nagy v. Hungary [GC], § 75** ġia ċitati supra).

Minn dan isegwi ċar li ma jeżistu ebda possedimenti/proprjetá li t-tgawdija tagħhom ġiet imfixkla bi ksur tal-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni u tal-ewwel parti tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Għaldaqstant it-talba tar-Rikorrenti ma hiex ammissibbli.

Apparti minn dan kollu ir-rikorrent dejjem seta' ipporċeda b'azzjoni ordinarja biex jottjeni dikjarazzjoni li id-dehen tiegħu u konsegwentement jitlob ir-revoka ta' kull ordni li tat il-Qorti (Ara **Sentenza fl-ismijiet Formosa -vs- Grech, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-18 ta' Mejju, 1979; Spiteri -vs- Perry, deċiża minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 1994, u Tolio -vs-Komarzynic, deċiża wkoll minn din il-Qorti fit-28 ta' Mejju, 1999**).

<u>*Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni*</u>

Ir-rikorrent jilmenta wkoll li d-dewmien tal-Kawża bejn l-intimati Schembri qiegħed f'kuntest kostituzzjonali jiksrilu id-dritt tiegħu kif imħares minn artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, b'konsegwenza li dan it-tul qiegħed jippreġudikaħ.

Il-Qorti tibda biex tirrileva li huwa l-istess rikorrent li jgħid fir-rikors tiegħu li la huwa parti u l-anqas huwa leġittimu kontradittur għal dawk il-proċeduri. L-ilment tiegħu għaliex qiegħed jgħid li kien hemm konfiska f'dawk il-proċeduri ta' beni li

jappartjenu lilu. Il-kelma konfiska ma hija xejn feliċi għaliex din timplika ġuridikament akkwist da parti tal-Istat. Minn dan kollu ma hemm xejn fl-atti. Tesisti biss kawża bejn tnejn minn nies li kif ben tajjeb jgħid l-istess rikorrent huwa estraneju għaliha.

Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jiddisponi hekk :

*Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, **il-każ** għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli* (Emfażi tal-Qorti).

Ir-rikorrent ma' għandu ebda każ quddiem dik il-Qorti bejn l-intimati Schembri. L-uniku konnessjoni li hemm hi, li l-intimat Francis Schembri jiġi hu r-rikorrent. Il-Qorti hija konvinta, li dawn il-proċeduri qiegħdin isiru biex ikomplu joħolqu problemi lill-intimata Schembri bi kwantita' ta' azzjonijiet u rikorsi li saru sa issa. Forsi jkun tajjeb għar-rikorrent, li jistaqsi min tassew qiegħed itawwal il-proċeduri.

**Decide**

Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;

**Tiċħad it-talbiet tar-Rikorrenti.**

**Bl-ispejjeż** jitħallsu mir-Rikorrenti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**